DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ġunju 2007

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

(2007/800/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi [1], jipprovdi, fl-Artikolu 13 tiegħu, li ċ-Ċentru għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li mhumiex fil-Komunità li jikkondividu l-interessi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha fl-objettivi u l-ħidma taċ-Ċentru.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi.

(3) Soġġett għall-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi huwa b' dan approvat f' isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jinnomina l-persuna(i) mogħtija s-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim, f'isem il-Komunità Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmula fil-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

P. STEINBRÜCK

[1] ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).